# WARD MALTI

(Mill-*Ħabib* tal-1917) III.

## QTIGĦ IL-QALB

Lil Mons. Gauci li talabni niktiblu poeżija għall-*Ħabib*.

Waħdi l-bieraħ kont naħseb u nimxi,
Naħseb fuqek, ja ħajja ta' dmugħ;
Kienet għodwa mill-ikreh tax-xitwa,
Sema msaħħab, imarrad ir-ruħ.

Beda jredden il-ħsieb ġewwa fija,
Bdejt niftakar fl-imgħoddi, f'tal-lum;
Tal-lum rajtu bħal baħar imewweġ,
Rajt fl-imgħoddi bħal kruha ta' rdum.

Fuq art oħra, bgħid minnek, ja baħar,
Bgħid minn ommi, minn ħuti mill-ħbieb,
Ħaddejn wiċċi għabbejthom bis-sfura,
Nixxift ġismi bil-ħidma tal-ħsieb.

Xejn ma swieli kull xiber li nimxi,
B'ħilti kollha fid-dalma tal-ħlieq:
Iktar tikber id-dalma ma' dwari,
Iktar tieqaf jien nilmaħ it-trîq.

Għandu Lsienek, ja Malta għażiża,
Minn dak l-għasel li s-sagħtar jatik,
U mill-baħar li jbusek u jgħannqek,
U mis-sema li jiddi u jhennik.

Ħa mix-xbejba li taħdem ħr-raba',
Wiċċ u leħen u xejra w-ilbies;
Ħa mis-saħħa ta' driegħek il-qawwa,
Ħa minn qalbek is-safa wil-qies.

Kemm ħabbejtu, kemm ljieli q'ed ngħaddi,
Nikteb, naħseb, ingħarbel li ħsibt.
Il-jum żernaq, u jien għadni nikteb,
Għadni nħassar il-kelma li ktibt;

Għadni ngiddem xofftejja u naħseb,
Għadni ntambar bis-saba' l-werrej
Ħa l-kliem joħroġ bil-qies u mhux merħi,
Safi w-ħelu, magħqud u mexxej.

Xejn ma swieli, kull strofa, kull kelma,
Nieqsa nsibha mill-qawwa li rrid,
F'qalbi tħabbat u taqbeż u togħla,
F'qalbi donnha azzar u ħadid

Meta mn'idi nixħetha fil-għoli
Ħa tmur tgħann mal-bliebel fis-sħab,
Dlonk iddurli, tixxejjer u taqa'
Dlonk nilmaħha quddiemi fit-trab.

O żgħożija kif tlaqtni w-ħallejtni
Fid-dlam waħdi nitħabat maż-żmien.
Fejn hu l-ġieħ li jien tlabtek w-int wegħ'dtni ?—
Fejn hu l-hena li ħlomna flimkien ?—

Fis waqgħetli kull tama li kelli,
Sfat minn qalbi kull xewqa ta' ġieħ,
Sirt bħal werqa li nixfet u waqgħet,
W-issa qiegħda tinbaram mar-riħ.

Hekk il-bieraħ kont naħseb u nimxi,
Naħseb fuqek ja ħajja ta' dmugħ;
Kienet għodwa mill-ikreh tax-xitwa,
Sema msaħħab imarrad ir-ruħ.

A. Cuschieri O. C.